Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 7

Data tal-laqgħa: 26 ta' Novembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dott. Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dott. Oliver Nicholas De Gaetano

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa. Parti mil-laqgħa (bejn l-4.00pm u l-5.00pm) ma setgħetx tkun trażmessa *online* peress li ma kienx hawn dawl.

## 7.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

7.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 7.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

7.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta' Laqgħa Numru 6. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

7.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 7.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

7.3.1.1 Para 6.11 - Tħawwil ta' siġar f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-Perit mhuwiex f'pożizzjoni li jipprepara l-*Land Registry Plan* mingħajr ma jsir *survey* tat-triq. Il-*Land Registry Plan* huwa dokument reġistrat u għalhekk huwa importanti ħafna li l-kejl miktub fuq ir-reġistrazzjoni tal-art ikun preċiż. Minħabba li hemm kawża bejn il-Gvern u s-sidien, il-kejl miktub fuq dan id-dokument huwa tal-akbar importanza.

7.3.1.2 Il-Kunsill qabel lis-*survey* ma jsirx għalissa peress li l-Kunsill diġà qed jaħdem fuq żewġ proġetti oħra. Dan il-proġett jiġi diskuss aktar 'il quddiem.

7.3.2 **Para 6.15.7 - Talba biex tiġi rranġata l-bankina fi Triq San Gabriel k/m Triq B. Bontadini**
Is-SE infurmat li ltaqgħet mal-Perit tal-Kunsill fuq il-post, fejn ġie propost lis-sid għandu jikseb il-permessi neċessarji minn TM u jibgħathom lill-Kunsill. Is-sid ġie nfurmat b'dan u diġà ssottometta l-applikazzjoni ma' TM.

7.3.3 Para 6.15.8 – *Road markings* fi Triq San Gabriel
Is-SE infurmat li ltaqgħet mal-Perit tal-Kunsill fuq il-post, u kkonferma lit-triq mhix wiesgħa biżżejjed biex isir *parking* fuq iż-żewġ naħat. Ir-resident ġie nfurmat b'dan.

## 7.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

7.4.1 Triq il-Ferrovija l-Qadima
Is-Sindku infurma lill-Kunsill, li Triq il-Ferrovija l-Qadima lesta kemm mit-*tarmac*, kif ukoll mir-*road markings*. Is-Sindku qal ukoll lis-siġar u l-pjanti ġew imħawwla wkoll.

**F'dan il-ħin (4.05pm) daħal il-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef għal-laqgħa.**

7.4.2 Tħawwil ta' siġar fi Triq l-Imdina
Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni li tammonta għal €4,200 (VAT eskluż) biex jiġu mħawwla 35 siġra fi Triq l-Imdina. Is-Sindku qal li IM, kienu qablu li din l-ispiża tiġi ffinanzjata minnhom b'konnessjoni mas-*Central Link Project.* Is-Sindku qal li l-kwotazzjoni ġiet mibgħuta lill-IM għall-approvazzjoni tagħhom.

7.4.3 Proġett ta' *Traffic Island* fi Triq il-Qarċilla
Is-Sindku infurma lill-Kunsill lis-*survey* relatat mal-proġett tat-*traffic island* fi Triq il-Qarċilla daqt ikun lest.

7.4.4.1 Laqgħa mal-pulizija
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-ġimgħa li għaddiet, flimkien mas-SE kellhom laqgħa (li ser tibda ssir kull xahar) mas-Supretendent tad-distrett u żewġ uffiċjali tal-pulizija, dwar id-diffikultajiet li għandna fil-lokalità.

7.4.4.2 Waqt il-laqgħa, is-Sindku ilmenta dwar il-fatt li għalkemm l-għassa ta' Ħal Balzan qed tkun miftuħa regolarment, il-pulizija stazzjonat ma joħroġx mill-għassa. Is-Sindku talab għal aktar *patrol* madwar il-lokalità. Is-Supretendent qal li ser jinsisti li tibda ssir ronda f'kull *shift,* kif ukoll ser jibda jitlob rendikont ta' multi li jinħarġu.

7.4.4.3 Il-Viċi Sindku qal li filwaqt li jifhem li f'ċertu emerġenzi l-pulizija jridu jgħaġġlu, irrimarka lis-Sibt għaddiet vettura tal-pulizija minn Triq Ġuże' Bonnici, b'veloċità eċċessiva.

**F'dan il-ħin (4.10pm) daħlet il-Kunsillier Mary Louise Briffa għal-laqgħa.**

## 7.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

7.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 7.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

7.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 7.7 Tisbiħ tal-*Playing field*

7.7.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill li qed tistenna risposta mill-Awtorità tal-Artijiet dwar jekk l-art hix devoluta lill-Kunsill. Is-SE qalet li jekk l-art mhix devoluta, trid issir applikazzjoni u din trid tinkludi pjanti dettaljati tal-proġett u għalhekk il-pjanti xorta jridu jsiru.

7.7.2 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-kwotazzjoni mibgħuta mill-Perit biex ikun jista' jsir *survey* taż-żona tal-*playing field*. Wara li jsir is-*survey,* il-Perit ikun jista' jaħdem fuq il-pjanti. Il-Kunsill unanimament approva l-kwotazzjoni.

7.7.3 Is-Sindku qal li jekk il-proċess biex l-art tiġi devoluta lill-Kunsill ikun ser jieħu fit-tul, peress li l-bandli jinsab fi stat diżastruż, isir proġett fuq skala iżgħar, biex jiġu rranġat / mibdul l-appart tal-bandli sakemm jiġi ffinalizzat il-proċess.

7.7.4 Il-Kunsillier Mary Louise Briffa infurmat lill-Kunsill li flimkien mal-Kunsillier Stephen Gatt attendew għal Konferenza fuq xi skema ta' fondi li jistgħu jintużaw l-NGOs. Apparti minn hekk ġew infurmati li hemm xi fondi li jistgħu jintużaw biex jiġu rranġati l-*playing fields* li jagħlqu fis-7 ta' Jannar. Is-SE ser tiċċekja dwar dan mal-Perit.

7.7.5 Wara din il-konferenza, il-Kunsillier Mary Louise Briffa tkellmet mal-Onor. Julia Farrugia Portelli, fejn issemmiet l-għalqa ta' quddiem Żmerċ. Is-Sindku qal li kellu diversi laqgħat dwar dan, ma' diversi Ministri u Segretarji Parlamentari.

7.7.6 Dwar l-għalqa is-Sindku qal li l-pulizija ġew infurmati bil-problema li qed jitilqu l-karozzi fiha, fil-laqgħa li kellu. Il-pulizija infurmaw li ma jistawx ineħħu l-karozzi abbandunati peress li art privata, imma għandhom il-poter li jagħlqu l-aċċess u ma jużaha ħadd.

7.7.7 Il-Kunsill qabel li l-iktar proġett urġenti huwa tal-*playing field*, u kien hemm qbil li l-Kunsill jiffoka fuqu.

## 7.8 Għeluq tal-fergħa tal-HSBC f'Ħal Balzan

7.8.1 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni għal *shuttle service* minn Ħal Balzan għall-fergħa ta' Birkirkara għar-residenti kull nofs siegħa bejn it-8.30am u s-1.30pm nhar ta' Ġimgħa. Dan is-servizz jista' jiġi offrut bir-rata ta' €20 kull siegħa (VAT eskluż).

7.8.2 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li għadu qed jistenna appuntament biex jerġa' jiltaqa' mar-rappreżentanti tal-HSBC biex tiġi diskussa l-kwotazzjoni tax-*shuttle service,* jiġi identifikat post alternattiv fejn jistgħu ipoġġu l-ATM, tiġi magħżula l-ġurnata biex issir il-laqgħa mar-residenti. Il-Kunsill għażel il-ġimgħa ta' bejn is-6 u l-10 ta' Jannar, biex possibilment l-HSBC jagħżlu ġurnata konvenjenti biex jagħmlu l-laqgħa mar-residenti.

## 7.9 Bankina quddiem 44 u 55, Triq it-Tliet Knejjes

7.9.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill bir-risposta tas-sidien ta' 44 u 55, Triq it-Tliet Knejjes, wara li kienet infurmathom bid-deċiżjoni tal-Kunsill, li fi żmien ġimgħatejn għandhom jibdew x-xogħlijiet biex il-bankina jagħmiluha bil-materjal li kien approva l-Kunsill (*cobble stone*).

7.9.2 Is-SE qalet lis-sidien qed joġġezzjonaw li jagħmlu dan għal diversi raġunijiet. Is-SE qalet ukoll li ħadet parir legali mingħand l-avukat tal-Kunsill fejn infurmat li, l-Kunsill għandu d-dritt li jitlob it-tneħħija tal-bankina u jekk ix-xogħlijiet ma jsirux, ikun hemm bżonn ordni bil-qorti. F'dan l-istadju, l-avukat tal-parir li tintbagħat ittra ġudizzjarja lill-persuni involuti.

7.9.3 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li, peress li fl-istess żona preżentament hemm numru ta' bankini b'materjali differenti, jagħti konċessjoni li l-bankina tibqa' kif inhi sakemm jinħarġu l-permessi neċessarji u jibda l-proġett ta' tisbiħ ta' toroq fil-qalba tar-raħal. Jekk biex isir il-proġett, ikun jesiġi li l-bankini jkunu uniformi, din il-bankina trid tinqala' u ssir bl-istess materjal li ser jiġi użat fil-bankini u t-toroq ta' dan il-proġett.

## 7.10 Wied Ħal Balzan

7.10.1 Il-Kunsill reġa' iddiskuta s-sitwazzjoni tal-Wied ta' Ħal Balzan. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat ittra lill-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, Dott. Ian Borg biex ninfurmawh bis-sitwazzjoni ta' inkonvenjent kbir għar-residenti u l-ħwienet kummerċjali taż-żona, speċjalment issa li ġej iż-żmien tal-Milied. Għat-tieni sena, il-ħwienet kummerċjali ser ikunu qed ibgħatu f'dawn iż-żminijiet, minħabba nuqqas ta' bejgħ.

7.10.2 L-għan ta' din l-ittra jkun li nitolbu l-intervent dirett tal-Ministru, la ma' IM ma wasalniex. Ġie rrimarkat li, l-Kunsill jibgħat diversi ilmenti lill-Perit (IM) inkarigat, però dawn qatt ma jiġu mwieġba.

7.10.3 Is-Sindku semma li, r-residenti issa qed jgħeddu li jekk isir xi inċident, bħal ma' diġà ġara, ser jieħdu passi legali. Is-SE infurmat li, l-passi għandhom jittieħdu kontra IM u mhux kontra l-Kunsill.

7.10.4 Il-Kunsill unanimament qabel li nibgħatu ittra lill-Ministru Dott. Ian Borg u tiġi kkupjati lill-*Infrastructure Malta*, *Water Services Corporation*, id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u r-residenti u l-ħwienet kummerċjali ta' Wied Ħal Balzan.

**F'dan il-ħin (5.00pm) ġie d-dawl u għalhekk ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti sakemm is-SE xegħlet l-apparat tal-*online streaming*. Il-laqgħa tkompliet fis-5.05pm.**

## 7.11 Servizz ta' trasport għall-anzjani

7.11.1 Il-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano infurma lill-Kunsill, li l-laqgħa mal-Ministru tas-Saħħa biex jiġi diskuss dan is-servizz, qed tiġi ppjanata li ssir għal Jannar 2020. Dott. De Gaetano ser ikun qed jinfurma lill-Kunsill meta d-data tal-laqgħa tiġi ffissata.

## 7.12 Attivitajiet għal żmien il-Milied

7.12.1.1 <u>Tiżjin ta' toroq bid-dwal tal-Milied</u>
Is-SE infurmat li peress li l-Milied qorob, kumpanija waħda biss (minn tlieta) bagħtet kwotazzjoni, għax it-tnejn (2) l-oħra infurmaw li m'għadx baqalhom dwal tal-Milied disponibbli.

7.12.1.2 F'dan ir-rigward, il-Kunsill qabel li jiġu armati Triq il-Kbira (bejn Costa Coffee u l-Pjazza) u Wied ta' Ħal Balzan biss, peress li ma rnexxilniex inġibu 3 kwotazzjonijiet. Is-SE issuġġeriet li għal sena oħra, it-toroq fejn ser jiġu mżejna jiġu magħżula minn aktar qabel, biex nilħqu noħorġu sejħa għall-kwotazzjonijiet.

7.12.2.1 <u>*Christmas Village*</u>
Il-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, il-Kunsillier Stephen Gatt u s-SE, il-ġimgħa ta' qabel iltaqgħu biex ifasslu l-programm tal-attivita'. Qed jiġi ssuġġerit li l-attività ssir bejn it-8.30am u s-1.30pm tal-Ħadd, 22 ta' Diċembru 2019, fil-*playing field*. Ser jinkrew imwejjed għas-seba' (7) esibituri li wrew interess, biex jintużaw bħala *stalls.* Matul l-attività ser ikun hemm *brass band* iddoqq (sagħtejn) u persuna ddoqq bl-*accordian.*

7.12.2.2 Apparti minn hekk, hemm il-possibiltà li jkun hemm kor u *father christmas* jieħu r-ritratti mat-tfal. Membri tal-Kunsill ser ikunu qed iqassmu l-ponsiettas lir-residenti preżenti u ser ikun hemm il-formoli tar-reġistrazzjoni għad-donazzjoni tal-organi disponibbli. Jekk jibqa' fondi ser jinxtara xi dekorazzjoni tal-Milied għall-atmosfera u xi ħelu biex jitqassam lit-tfal.

7.12.2.3 Il-Kunsill approva l-programm u ġie deċiż li jekk ikun maltemp, l-attività ssir fis-Sala Aurora. Il-*Christmas Villag*e ser jiġi organizzat mill-fondi tal-Kunsill (l-ispiża allokata hija ta' €2,500), parti minn dawk li kienu allokati għad-dwal tal-Milied.

## 7.13 Skemi maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru

7.13.1.1 <u>Skema Finanzjarja 1/2019 - Skema ta' għajnuna għall-Kunsilli Lokali fi żmien il-Milied</u>
Ġiet innutata Skema Finanzjarja 1/2019, fejn il-Kunsill Reġjonali Ċentru ser jirrifondi sa massimu ta' €2,500 fuq spejjeż relatati ma' avvenimenti organizzati għal żmien il-Milied.

7.13.1.2 Il-Kunsill unanimament qabel li napplikaw biex niġu rifonduti parti mill-ispejjeż relatati mat-tiżjin ta' Triq il-Kbira u Wied Ħal Balzan bid-dwal tal-Milied.

7.13.2.1 <u>Skema Finanzjarja 2/2019 - Skema ta' għajnuna għall-Għaqdiet fil-lokalitajiet fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Ċentru</u>
Ġie innutata Skema Finanzjarja 2/2019, fejn il-Kunsill Reġjonali Ċentru ser jirrifondi sa massimu ta' €2,000 fuq spejjeż diversi għall-Għaqdiet fil-lokalità.

7.13.2.2 Il-Kunsill qabel li jekk l-ispejjeż t'hawn taħt huma eliġibbli, napplikaw biex:
1. Jinxtara pavaljun tal-festa - Każin tal-Banda San Gabriel - €800
2. Jinxtara pavaljun tal-festa - Każin tal-Banda Filarmonika Marija Annunzjata - €800
3. Titħallas parti mill-ispiża biex jiġi stampat *magazine* li jfakkar ir-rebħa tal-*FA Trophy* 2018/2019 - Balzan Youths FC - €400.

## 7.14 *E-Newsletter*

7.14.1 Il-Viċi Sindku infurma lill-Kunsill li tkellem mal-kumpanija li tipprovdi s-servizz ta' *hosting* tal-*website* tal-Kunsill dwar x'tinvolvi biex tiġi mwaqqfa *E-Newsletter*.

7.14.2 Is-SE ressqet il-kwotazzjoni għall-attenzjoni tal-Kunsill. Din ser tkun tinvolvi spiża ta' darba għal:
1. *Website / Mailchimp Integration:* €200
2. Disinn ta' *Newsletter Template:* €300

Apparti minn hekk, hemm ir-rata ta' €25 fis-siegħa għal *Content Management* (pakkett ta' 25 siegħa u jintużaw skont il-ħtieġa). Dawn il-figuri jeskludu l-VAT.

7.14.3 Il-Kunsill unanimament approva li għandu jipproċedi bil-kwotazzjoni.

## 7.15 *Active Ageing Sessions*

7.15.1 Dwar dawn il-korsijiet, staqsejna lill-Kunsill Lokali Iklin dwar il-possibilità li jiġu organizzati b'kollaborazzjoni magħhom, peress li għandhom sit fejn jistgħu isiru s-sessjonijiet.

7.15.2 Is-SE infurmat li għadna qed nistennew risposta.

## 7.16 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

7.16.1.1 <u>*Smart Bins* fi spazji pubbliċi</u>
Ġiet innutata *email* mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar *Smart Bins* fi spazji pubbliċi. Dawn ser ikunu iffinanzjati kollha mill-fondi fil-baġit 2020, ivvutati lill-Kunsilli Lokali speċifikament għal *bins* tal-iskart f'postijiet pubbliċi fil-lokalitajiet.

7.16.1.2 Il-Kunsill qabel li napplikaw biex jinbidlu l-*bins* preżenti (16) u jiżdiedu 16 –il wieħed ġdid madwar il-lokalità. Il-*bins* magħżula huma ta' żewġ kompartamenti (skart imħallat u skart riċiklabbli).

7.16.2 <u>*Health & Safety Risk Assessment Review*</u>
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni li tammonta €175 (VAT eskluż) biex jiġi rivedut il-*Health & Safety Risk Assessment* tal-uffiċċju. Il-Kunsill unanimament approva.

7.16.3.1 <u>*One-Way System* fi Triq Ġuże' Bonniċi u t-toroq tal-madwar</u>
Resident qed jerġa' jilmenta fuq il-*One-Way System* fi Triq Ġuże' Bonniċi u t-toroq tal-madwar li ġiet implimentata daqs sena u nofs ilu għax skont ir-resident inħoloq periklu serju għal inċidenti tat-traffiku.

7.16.3.2 Il-Kunsill iddiskuta u kien hemm qbil li l-Kunsill jistenna li jitlestew ix-xogħlijiet fil-Wied ta' Ħal Balzan biex ikun jista' jevalwa s-sitwazzjoni. Dan għaliex it-traffiku li qed jgħaddi mill-qalba tar-raħal żdied kemm ilhom għaddejjin ix-xogħlijiet fil-Wied ta' Ħal Balzan.

7.16.4 <u>Kwotazzjoni għal *Traffic Count Survey* fi Triq l-Annunzjata</u>
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni għal *traffic count survey* fi Triq l-Annunzjata. Kif intqal qabel, il-Kunsill ser jistenna li jitlestew ix-xogħlijiet fil-Wied ta' Ħal Balzan, għalhekk, din il-kwotazzjoni ma ġietx approvata.

7.16.5.1 <u>Donazzjoni ta' 100 *sapling trees*</u>
Residenta infurmat lill-Kunsill li jixitequ jagħtu donazzjoni ta' 100 *sapling tree* (*Grow 10 Trees Project*) biex jiġu mħawwla fil-lokalità (preferibilment fiċ-ċentru tar-raħal u fiż-żona ta' Triq San Valentin) biex tibqa' mfakkra l-memorja tar-raġel tagħha.

7.16.5.2 Il-Kunsillier Stephen Gatt infurma lill-Kunsill li tkellem ma' membru tas-Sottokumitat tal-Ambjent dwar dan, fejn iċċekkja dwar dan il-proġett. Se niċċekkjaw eżatt dan il-proġett x'jinvolvi u dwar jekk id-donazzjoni hiex ta' żerriegħa ta' siġar jew ikun diġà nibtu. Apparti minn hekk ser jiġi ċċekkjat jekk jistgħux jiġu offruti lir-residenti biex jiġu mħawwla fil-ġonna tagħhom, għax fil-lokalità m'hawnx post fejn jitħawwlu 100 siġra.

7.16.6.1 <u>Inċidenti fi Triq Birbal</u>
Residenta qed tilmenta dwar il-fatt li qed ikun hemm diversi inċidenti tat-traffiku fi Triq Birbal minħabba lit-triq dejqa u traffikuża.

7.16.6.2 Il-Kunsill irrimarka li fil-passat tlabna diversi drabi biex it-triq issir *one-way* però ma ġietx approvata. Jekk ir-residenti jixtiequ li jagħmlu petizzjoni, il-Kunsill jappoġġjhom bil-kundizzjoni lit-talba għal *one-way* tkun:

- Triq Birbal – vetturi jsuqu minn Vjal De Paule direzzjoni lejn Birkirkara
- Triq il-Ferrovija l-Qadima – vetturi jsuqu min-naħa ta' Birkirkara direzzjoni lejn Vjal De Paule.

7.16.7.1 <u>Talba biex issir *sleeping policeman* fi Triq Birbal</u>
Wara li TM waħħlu *sleeping policeman* fi Triq Birbal (ftit l'sfel minn Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina), resident qed jitlob li ssir oħra bejn Vjal M A Refalo u Vjal De Paule għax il-karozzi qed jgħaddu b'veloċità eċċessiva. Is-SE infurmat li meta għaddew din it-talba lil TM, talbu lill-Kunsill biex jerġa' japplika.

7.16.7.2 Ġie nnutat li l-Kunsill m'applikax biex issir l-i*sleeping policeman* liġiet imwaħħla*,* imma ġiet deċiża minn TM, u għalhekk, kif approvaw l-ewwel waħda mingħajr il-kunsens tal-Kunsill, TM għandhom jistudjaw il-każ u jekk jaraw li hemm il-ħtieġa li ssir oħra, jagħmluha.

7.16.8.1 <u>Suġġeriment biex isiru attivitajiet għall-familja kollha</u>
Residenta qed tissuġġerixxi li l-Kunsill jorganizza aktar attivitajiet għall-familja kollha. Ġie nnutat li fil-passat, il-Kunsill organizza diversi attivitajiet li sfortunatament ftit li xejn ikun hemm attendenza.

7.16.8.2 Qed jiġi ppjanat il-*Christmas Village* għal żmien il-Milied. Il-Kunsill qed jistieden lir-residenta tgħaddi s-suġġerimenti tagħha għal attivitajiet proposti għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

7.16.9.1 <u>Talba biex issir *Communal Reserved Parking Bay* fl-akwati ta' Triq Sisner</u>
Residenta qed titlob li l-Kunsill jagħmel *Communal Reserved Parking Bay* fl-akwati ta' Triq Sisner peress lir-*reserved parking for disabled* li hemm quddiem ir-residenza tagħha u li applikat għaliha hi, dejjem qed tkun okkupata minn vettura oħra li għandha *blue bagde.*

7.16.9.2 Ġie nnutat li tali *reserved parking for disabled*, tista' tintuża minn kull min għandu *blue badge* għax ma tkunx riservata biss għall-applikant. Din it-talba ma ġietx approvata.

7.16.10.1 <u>*Reserved Parking Bays* preżenti jiġu miżbugħa blu minflok sofor</u>

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-Maġġur qed jissuġġerixxi lir-*Reserved Parking Bays* preżenti jiġu miżbugħa blu minflok sofor, għax hekk ikunu jidhru aktar. Is-SE ressqet kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur tat-tabelli u sinjali li tammonta għal €100 (VAT eskluż) kull waħda. Ressqet ukoll kwotazzjoni taż-żebgħa blu, li tiswa d-doppju taż-żebgħa l-bajda.

7.16.10.2 Il-Kunsill m'għandux fondi biżżejjed u għalhekk qabel li jitħallew kif inhuma.

7.16.11.1 Bankina fi Triq il-Ferrovija k/m Triq il-Kannizzata

Wara li tlestiet Triq il-Ferrovija l-Qadima, resident qed jilmenta dwar il-fatt li IM ma ħallewlux aċċess għall-garaxx tiegħu li jinsab k/m Triq il-Kannizzata. Is-SE infurmat li qabel ma saret it-triq, quddiem il-garaxx kellu rampa tal-konkos taħt il-bankina. Meta kienu qed isiru l-bankini kollha tat-triq, fuq istruzzjonijiet tar-resident, il-bankina ta' quddiem il-garaxx tiegħu ma saritx bħal kumplament tat-triq peress lir-resident riedha tibqa' bil-pavimentar u mhux issir bil-konkos. Issa li tlestiet it-triq, ir-resident qed jitlob li terġa' ssir ir-rampa taħt il-bankina u IM qed jirrifjutaw li jagħmluha għax rampa taħt il-bankina hija kontra l-liġi. Ir-resident qed jitlob l-intervent tal-Kunsill.

7.16.11.2 Il-Kunsill qabel li, la r-resident waqqaf lill-IM milli jagħmlu l-bankina bl-aċċess għall-garaxx tiegħu bħal m'għamlu fil-kumplament tat-triq, ir-resident għandu jagħmel l-emendi meħtieġa fil-bankina (dejjem skont il-liġi) biex ikollu aċċess għall-garaxx, a spejjeż tiegħu. Apparti minn hekk, dan il-proġett kien ta' IM u r-resident għandu jgħaddi l-ilment tiegħu għand IM.

7.16.12.1 Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Is-SE infurmat lill-Kunsill li skont l-Att dwar Gvern Lokali, sal-15 ta' Diċembru, il-Kunsill irid issejjaħ laqgħa pubblika fejn jiġu ppreżentati l-Esitimi Finanzjari (*draft*) għas-sena d-dieħla. Is-SE spjegat li għandu jintbagħat invit f'kull residenza.

7.16.12.2 Ġie nnutat li l-ġimgħa ta' qabel il-15 ta' Diċembru ser ikun hemm Kunsillier li ser ikun imsiefer u peress li l-Kunsilliera kollha xtaqu jkunu preżenti, il-Kunsill unanimament approva li l-laqgħa pubblika ssir nhar it-Tnejn, 16 ta' Diċembru 2019 fis-6.30pm, fis-Sala Aurora.

7.16.13.1 *Tower Crane* fi Triq Birbal

Is-SE infurmat lill-Kunsill li faċċata ta' Dar Merħba Bik, din il-ġimgħa kien qed isir bażi fit-triq biex jintrama *tower crane*. Din il-bażi qed tokkupa l-wiesa' ta' *parking bay* u parti minn karreġġjata. Apparti minn hekk, il-permess ta' TM għadu ma ħariġx u s-SE diġà għaddiet l-ilment. Is-Sindku nfurma li diġà ħabat xi ħadd miegħu. Apparti minn hekk twaħħlu xi tabelli '*no entry, except to render a service*' k/m Triq San Franġisk u k/m Triq il-Kannizzata. Sidien tal-garaxxijiet (entratura ta' aktar minn 40 garaxx) li hemm maġenb il-bażi, qed jilmentaw li qed jiġu ostakolat l-aċċess.

7.16.13.2 Il-Kunsill irrimarka li jekk TM ser joħorġulu l-permess, tal-inqas jaraw jekk jistawx isiru *traffic lights* temporanji biex jidderieġu t-traffiku u t-*tower crane* ikollu dawl tajjeb biex ikun jidher fid-dlam. Apparti minn hekk, is-SE ser tiċċekkja ma' TM fuq it-tabelli li twaħħlu.

7.16.14.1 Proposta għal Triq San Valentin

Is-Sindku semma l-inċident tat-traffiku li kien hemm ftit tal-ġranet ilu fi Triq San Valentin, fejn vettura daret b'veloċità eċċessiva minn Triq Idmejda u daħlet f'numru ta' vetturi pparkjati. Is-Sindku qal li rċieva rapporti dwar dan u rrimarka resident li avviċinah, xhur ilu kien talab lill-Kunsill biex issir *sleeping policeman* fiż-żona. Din it-talba kienet approvata mill-Kunsill u r-resident kellu jġib il-kunsens tar-residenti taż-żona biex il-Kunsill japplika għal permess ma' TM. Sal-lum, il-Kunsill ma rċieva l-ebda kunsens.

7.16.14.2 Is-Sindku qal li meta lir-resident infurmah b'dan, qallu lit-talba tiegħu għal *sleeping policeman* ma jarahix li għadha effettiva u għalhekk qatt ma ġab il-kunsens tar-residenti. Ir-resident issa qed jibgħat disinn bil-proposta li jsiru xi emendi fil-bankina, biex b'hekk jitnaqqas il-periklu. Dan id-disinn wasal illum stess u qatt ma rċivejnieh qabel.

7.16.14.3 Din il-proposta ġiet diskussa u l-Kunsill qabel li ngħaddu d-disinn lill-Perit tal-Kunsill u ninfurmawh bil-problema (vetturi ġejjin minn Triq Idmejda jduru b'veloċità għal Triq San Valentin). Il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li japplika għall-permessi neċessarji skont il-parir li jgħati tal-Perit.

7.16.15 Ikla tal-Milied 2019

Ġie deċiż li l-ikla tal-Milied għal din is-sena ssir il-Ġimgħa, 10 ta' Jannar 2020 filgħaxija.

7.16.16.1 Amministrazzjoni tal-Vaċċin tal-Influwenza

Il-Kunsillier Mary Louise Briffa wriet id-diżappunt tagħha għal fatt li numru konsiderevoli ta' applikanti bbukkjaw il-vaċċin mal-Kunsill u marru ħaduha l-*Health Centre*. Dan huwa ħela ta' riżorsi. Is-SE qalet li, sfortunatament din tiġri kull sena.

7.16.16.2 Ilmentat dwar il-fatt li l-infermier ma kienx liebes ġagaga, kif ukoll ma kellux materjal biex jiaħdem. Is-SE infurmat li kull sena jiġi l-istess infermier u qatt ma kien hawn ilmenti mir-residenti. Qalet ukoll li ser jiġi nfurmat biex għal darb'oħra jilbes ġagaga, kif ukoll jiġi pprovdut il-materjal neċessarju (tajjar) biex tiġi amministrata l-vaċċin.

7.16.16.3 Ilmentat ukoll li l-vaċċin ma nżammux fil-*fridge* dakinhar tal-amministrazzjoni, imma nħarġu kollha fuq il-mejda minn filgħodu. Is-SE innegat u qalet li l-vaċċin inżammu l-ħin kollu fil-*fridge* u bdew jinħarġu ftit ftit.

## 7.17 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

7.17.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 11/19 li tammonta għas-somma ta' €25,329.85c, li tinkludi l-ammont ta' €117.78c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Ottubru 2019. Ir-rendikont tal-*Petty Cash* jinsab mehmuż mal-iskeda ta' pagamenti.

7.17.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

7.17.3 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-garaxx li qed jintuża mill-Kunsill bħala *store* huwa mikri sal-aħħar tas-sena. Għalhekk, il-Kunsill unanimament approva li jerġa' jikri l-garaxx bl-istess kundizzjonijiet u bl-istess ammont. Ser jiġi ċċekkjat mas-sid jekk jaċċettax li jikri għal sena minflok għal sitt (6) xhur.

## 7.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

7.18.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.45pm.

7.18.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 16 ta' Diċembru 2019 fl-4.00pm.

Konfermati, it-Tnejn, 16 ta' Diċembru 2019.

IFFIRMATA

Nutar Ian Spiteri
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv